MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2262/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Helen Bartolo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma komplessiva ta' tlett mija disgha u tmenin lira Maltin (Lm389.00) in kwantu ghas-somma ta' tliet mija u hamsa u e erbghin lira Maltin import ta' tnax il-kambjala (12) immarkata bhala Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5 ,6, 7,8, 9, 10, 11 u 12 u li d-data tal-maturita taghhom, in kwantu ghas-somma ta' himistax il-lira Maltin (Lm15.00) prezz ta' merci lilek mibjughha u kkonsenjati u in kwantu ghas-somma ta'

disa u ghoxrin lira Maltin (Lm29.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mill-attur fejn huwa ceda s-sorte izda zamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------